Ħarġa
1-2011

terMinoloġija Maltija

suppliment ma' l-aċċent

# Biex nippruvaw ma nitfixklux

## minn Reuben Seychell

*it-Terminologu tad-Dipartiment tal-Malti*
*il-Kummissjoni Ewropea*

Il-kamp tax-xogħol terminoloġiku tagħna ma jimmirax lejn il-lingwaġġ għal skop ġenerali (normali, il-lingwa użata għal intenzjonijiet komunikazzjonali[1] ta' kuljum jew ordinarji) imma lejn lingwaġġ għal skop speċjali (anormali)[2].

Kelma jew espressjoni fil-lingwaġġ għal skop ġenerali (LSĠ) ikollha aktar minn tifsira u sinifikat wieħed, u dawn tal-aħħar jissawru skont il-kuntest u l-intensità fl-uniformità tal-istess kuntest[3], skont ir-regoli tal-logħba lingwistika[4] prevalenti f'dak il-kuntest partikolari. Il-parteċipanti f'dik il-logħba jifhmu t-tifsira u s-sinifikat għaliex huma jkunu jifhmu u jkunu familjari mar-regoli komunikazzjonali partikolari.

Il-lingwaġġ għal skop speċjali (LSS) jissellef mill-kliem u espressjonijiet fil-livell ta' skop ġenerali (LSĠ) u fejn ikun hemm bżonn jaħtih tifsira aktar speċifika, aktar iffukata, idjaq, illi tnaddaf l-ambigwitajiet li jinħolqu minn kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. Sa ċertu punt huwa parassitiku. Fejn ma jsibx x'jissellef, joħloq biex jindirizza diskrepanza fil-LSS.

Għandu għalhekk ikun ċar li t-tifsira u s-sinifikat tat-termini ttrattati f'xogħolna bl-ebda mod ma jkollhom jew ma huma intenzjonati li jkollhom neċessarjament ibiddlu jew iħassru t-tifsiriet u s-sinifikati li l-kliem jew espressjonijiet jingħataw jew ikunu ngħataw fil-pletora ta' kuntesti u sitwazzjonijiet meqjusa fil-LSĠ u wisq anqas li jiddeterminaw ir-regoli jew l-iżvilupp tal-grammatika jew li jimminaw tagħha[5]. Mhuwiex eskluż li jkun hemm effett aċċidentali jew inkella inċidentali bejn dominju fil-LSS u kuntest jew sitwazzjoni fil-LSĠ; jew saħansitra bejn żewġ dominji jew aktar fil-LSS. Dan għaliex ma hemm l-ebda regola dwar kif jiżvolġu l-forom differenti tal-ħajja u l-kunċetti li joħorġu minnhom li jinneċessitaw kelma jew espressjoni bħala r-referent tagħhom.

Ix-xogħol terminoloġiku tagħna jimmira li jipprovdi termini li jwasslu għal testi legali tal-UE li jiggarantixxu ċarezza legali[6]. B'dan il-mod jonqsu l-possibiltajiet ta' ambigwità[7] fil-liġijiet u għalhekk l-inċidenza ta' tilwim bla bżonn u inkonsistenzi fl-applikazzjoni u

[1] Għal aktar dwar dan is-suġġett ara Strawson, P., "Meaning and Truth", *Synthese*, 1967.
[2] Nazzarda nibbaża fuq id-duwaliżmu ta' Thomas Kuhn bejn xjenza normali u dik anormali (maħluqa minn bidla fil-paradigma) (ara Kuhn, TS., *The Structure of Scientific Revolutions*, 1996).
[3] Ara, Ogden, C. & Richards, I., "Sign Situations," *The Meaning of Meaning*, 1960
[4] Dik li Ludwig Wittgenstein isejjaħ "Sprachspiel", bl-Ingliż magħrufa bħala "language game" (Ara Wittgenstein, L., *Philosophical Investigations*, 1953)
[5] Mil-lat tal-loġika ara Lorenzen, P., "Logic and grammar", *Constructive Philosophy*, 1987
[6] Il-lingwa legali tirrappreżenta komunikazzjoni bejn speċjalisti aktar minn komunikazzjoni fil-livell ordinarju; hija għodda għall-kontenut nomattiv tal-espressjoni legali. Ara Letto-Vanamo, P., "Legal Systems and Legal Languages", f'Mattila, H. (ed.), *The Development of Legal Language*, 2002.
[7] Inxejnu l-polidossija u nistabilixxu monodossija ħielsa fi kliem Lorenzen; ara "Logic and hermeneutics," Lorenzen, 1987.

l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE f'realtà legali multilingwi.

Xogħolna jinkludi dawn il-funzjonijiet:

- nirreġistraw dik it-terminoloġija li diġà tintuża u li għal bosta tidher ovvja: dak li hu ovvju llum mhux bilfors jibqa' ovvju għada;
- nirriċerkaw termini tekniċi f'oqsma diversi u nirreġistraw l-għażla terminoloġika tagħna;
- nindirizzaw diskrepanzi terminoloġiċi bejn utenti prinċipali ta' dik it-terminoloġija;
- attivament nisiltu kunċetti ġodda u nippruvaw insibu modi biex nirrappreżentaw dawk il-kunċetti b'termini validi;
- insibu metodi konsistenti biex nittraduċu b'mod effiċjenti kunċetti li ma jkunux rappreżentati bil-Malti jew li jkunu rappreżentati b'mod inkonsistenti u insuffiċjenti għall-funzjoni tagħhom fid-dritt tal-UE.

* * *

Din il-pubblikazzjoni mhix maħsuba biex tissostitwixxi t-taqsima dwar it-terminoloġija f' *l-aċċent*, li huwa mmirat għad-diskussjoni u l-espożizzjoni ta' argumentazzjoni terminoloġika. Dan is-suppliment huwa maħsub li jaqsam mal-qarrej xogħol terminoloġiku li jkun sar speċifikament dwar termini rriċerkati meħtieġa għall-kitba tal-liġijiet tal-UE.

Illum qed nippubblikaw l-eżitu ta' proċess varat mid-Dipartimenti tal-Malti tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea (grazzi għal Anthony Privitelli u Jeantide Naudi rispettivament, li ħadu ħsieb ukoll jiġbru l-punti ta' qbil u kitbu l-Linji gwida li ġejjin) li wassal għall-qbil interistituzzjonali dwar kif jiġu tradotti s-sustanzi kimiċi u l-komposti tagħhom. Id-dipartimenti tal-lingwi parteċipi huma dawk tal-Kunsill tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri.

L-importanza ta' dan il-metodu hija li d-dritt tal-UE, speċjalment il-leġiżlazzjoni REACH, jirregola kull sustanza kimika u kombinazzjonijiet tagħhom li toħroġ fis-suq Ewropew. Leġiżlazzjoni ta' dan it-tip tinvolvi listi sħaħ ta' komposti kimiċi fejn il-possibbiltajiet tal-istess kompost huma inkredibbilment ħafna. B'dan il-metodu, il-kittieb u l-qarrej qed jingħataw għodda lingwistika li permezz tagħha jistgħu jesprimu u jifhmu l-komposti kimiċi attwali u eventwali. Xi ftit mill-eżempji ta' oqsma konċernati minn dan it-tip ta' termini huma l-ikel, u s-sikurezza fl-ikel, apparat użat għall-ikel, l-għalf għall-bhejjem, l-agrikoltura u l-vinikultura, iż-żebgħa, il-ġugarelli tat-tfal, il-vetturi, u standards tal-arja u ta' tniġġis.

L-għan ta' din il-gwida mhuwiex li tiddetta t-taħdit tan-nies, imma li tistabbilixxi metodoloġija li tiggarantixxi ċertezza legali billi toffri akkuratezza, konsistenza, applikabilità wiesgħa, sempliċità u utilità.❑

# L-ismijiet tas-sustanzi kimiċi bil-Malti

# Linji gwida interistituzzjonali

## *WERREJ*


It-traduzzjoni tas-sustanzi kimiċi bil-Malti ... 3
Tabella Nru 1: Ismijiet li jidhru ta' spiss ... 4
Tabella Nru 2: Affissi li jidhru ta' spiss ... 5
Tabella Nru 3: L-elementi ... 5
Eżempji fil-prattika ... 7
Nota dwar l-użu tal-ittra j wara l-vokali i ... 7
Indiċi globali f'ordni alfabetiku EN-MT ... 7

## Daħla

Spiss niltaqgħu ma' dokumenti fejn ikollna nħabbtu wiċċna mal-ismijiet tas-sustanzi kimiċi. F'dawn id-dokumenti d-dilemma dejjem tkun l-istess - inħalluhom bl-Ingliż jew naqilbuhom għall-Malti?

Id-dilemma tkun akbar meta d-dokument ikun jinkludi xi tabella b'lista twila ta' dawn is-sustanzi kimiċi. Hawnhekk it-taħbil il-moħħ jiżdied speċjalment meta niltaqgħu mhux biss ma' sempliċi element mit-tabella perjodika bħal, ngħidu aħna, il-kubrit jew iż-żingu, iżda niltaqgħu wkoll ma' komposti organiċi kumplikati b'ħafna numri, prefissi u suffissi.

X'se nagħmlu f'dawn is-sitwazzjonijiet? Se nittraduċu kollox jew se nħallu wħud bl-Ingliż u oħrajn bil-Malti? F'dan il-każ il-passat żgur li mhuwiex garanzija għall-futur għaliex f'pubblikazzjonijiet preċedenti nsibu ftit minn kollox.

Għalhekk ġie ffurmat grupp b'rappreżentanti mill-unità lingwistika ta' kull istituzzjoni tal-UE biex niddiskutu din il-problema. Ikkuntattjajna lill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill fi Brussell għall-parir tagħhom, u t-tweġiba kienet din li ġejja:

*"Mil-lum 'il quddiem, fir-rigward ta' termini kimiċi, it-taqsimiet traduttivi MT tal-istituzzjonijiet jadottaw l-ismijiet tal-kimiċi fuq mudell intern stabbilit skont it-traduzzjonijiet ekwivalenti fil-IATE tal-lingwa Taljana u dik Franċiża. Anke jekk xi dipartiment tal-Gvern MT ikun qiegħed juża xi varjazzjoni morfoloġika ta' xi terminu kimiku partikolari, jiġifieri t-terminu ma jkunx morfoloġikament eżattament simili għall-mudell MT intern stabbilit mill-istituzzjoni konċernata fl-istrument leġiżlattiv partikolari tal-UE, l-ekwivalenza terminoloġika m'għandhiex tiġi miċħuda. Naħsbu li kulħadd jista' jimxi fuq din il-presunzjoni."*

Abbażi ta' dan il-prinċipju, il-grupp ifformula dawn il-linji gwida li ġejjin, li għandhom l-għan li joħolqu uniformità bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandhom jintużaw anki fejn ikun hemm differenzi ma' sorsi oħrajn.

### It-traduzzjoni tas-sustanzi kimiċi bil-Malti

Għalkemm jidhru kkomplikati, jekk wieħed jimxi b'mod loġiku l-ismijiet tas-sustanzi kimiċi mhumiex diffiċli. Fil-parti l-kbira dawn jikkonsistu f'għadd ta' partijiet żgħar mgħaqqdin flimkien. Dan iseħħ fuq livell molekulari kif ukoll fuq livell lingwistiku, li fil-fatt jirrifletti dak li jseħħ fil-livell molekulari. Kulma għandna bżonn nagħmlu hu li nistandardizzaw l-ismijiet tal-komponenti ż-żgħar li jiffurmawhom.

It-terminoloġija xjentifika formali bil-Malti hi bbażata kważi kollha fuq it-Taljan. Dan huwa fatt stabbilit, u joħroġ ċar minn bosta eżempji: diossidu tal-karbonju, klorur tas-sodju, idroġenu, spettru, temperatura, densità, pressjoni, ... Huwa veru li fit-taħdit informali nirrikorru għall-Ingliż, għar-raġuni li t-tagħlim xjentifiku aħna l-Maltin ħadnieh kollu kemm hu bl-Ingliż. Allura jekk żewġ tradutturi waqt li qed jieħdu kafè jiddiskutu t-tisħin globali b'mod informali dawn se jirreferu għall-"carbon dioxide" li qed joħloq "global warming". Imma 5 minuti wara l-istess żewġ tradutturi se jidħlu l-uffiċċju u jiktbu "diossidu tal-karbonju" u "tisħin globali", għax hekk jitlob ir-reġistru formali ta' dokument uffiċjali.

Dan il-fatt jgħin ħafna meta niġu biex nittraduċu l-ismijiet tas-sustanzi kimiċi. Infatti, f'parti sostanzjali tal-każijiet ikun biżżejjed li wieħed jikkopja l-isem bit-Taljan u jagħtih ortografija Maltija. Xi eżempji fl-ordni EN-IT-MT jinsabu fit-tabella hawn taħt.

Li rridu nagħmlu, allura, hu li nistandardizzaw:

- l-ismijiet ta' joni, gruppi ta' atomi (radikali), u termini oħra li jidhru ta' spiss fl-ismijiet tas-sustanzi kimiċi (Tabella Nru 1 aktar 'il quddiem);
- l-affissi li għandhom sinifikat li jiddetermina l-kompożizzjoni molekulari tas-sustanzi (Tabella Nru 2);
- l-ismijiet tal-elementi (Tabella Nru 3).

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| sodium chloride | cloruro di sodio | klorur tas-sodju |
| copper sulphate | solfato rameico; solfato di rame | sulfat tar-ram |
| ammonium hydroxide | idrossido di ammonio | idrossidu tal-ammonju |
| acetic acid | acido acetico | aċidu aċetiku |
| calcium carbide | carburo di calcio | karbur tal-kalċju |
| methane | metano | metan |

## *Tabella Nru 1: Ismijiet li jidhru ta' spiss*

Wieħed jinnota hawnhekk kemm huma qrib lejn it-Taljan il-verżjonijiet bil-Malti. Kulma wieħed ikollu jagħmel, anki għal dawk il-joni li mhumiex f'din il-lista, hu jaqleb l-ortografija tal-verżjoni bit-Taljan għall-Malti.

| EN | IT | MT | Rimarki |
|---|---|---|---|
| acid | acido | aċidu | dejjem segwit b'aġġettiv li jispiċċa "-iku" li jiddetermina t-tip tal-aċidu, eż. aċidu sulfuriku |
| acetylene | acetilene | aċetilen | fit-taħdit popolari tintuża 'aċitilena', iżda l-isem xjentifiku għandu jkun 'aċetilen' |
| aldehyde | aldeide | aldeid | |
| amino acid | amminoacido | amminoaċidu jew aċidu amminiku | iż-żewġ forom huma tajbin |
| ammonium | ammonio | ammonju | |
| benzene | benzene | benżen | fit-taħdit popolari titlissen bil-ħoss mill-Ingliż 'benżin', iżda l-isem xjentifiku għandu jkun 'benżen' |
| bicarbonate | bicarbonato | bikarbonat | |
| bisulphate | bisolfato | bisulfat | |
| bromate | bromato | bromat | |
| bromide | bromuro | bromur | |
| carbide | carburo | karbur | |
| carbonate | carbonato | karbonat | |
| carboxylic | carbossilico | karbossiliku | |
| chloride | cloruro | klorur | |
| chlorite | clorito | klorit | |
| chromate | cromato | kromat | |
| cyanide | cianuro | ċjanur | |
| dioxide | diossido | diossidu | |
| ether | -etere | -etere | din normalment ngħaqqduha fl-aħħar, eż. diethyl ether - dietiletere |
| ferric | ferrico | ferriku | |
| ferrous | ferroso | ferruż | |
| fluoride | fluoruro | fluworur | |
| halide | alogenuro | aloġenur | |
| halogen | alogeno | aloġenu | |
| hydrocarbon | idrocarburo | idrokarbur | din eċċezzjoni: 'carbon' magħquda ma' 'hydro' ssir 'idrokarbur' u mhux 'idrokarbonju' |
| hydrochloric | cloridrico | kloridriku jew idrokloriku | il-forma mill-mudell bl-Ingliż għandha użu stabbilit ħafna fil-Malti, u allura għandha tkun aċċettata wkoll |
| hydroxide | idrossido | idrossidu | |
| iodate | iodato | jodat | |
| iodide | ioduro | jodur | |
| nitrate | nitrato | nitrat | |
| nitride | nitruro | nitrur | |
| nitrite | nitrito | nitrit | |
| oxide | ossido | ossidu | |
| peroxide | perossido | perossidu | |
| polymer | polimero | polimeru | |
| silicide | siliciuro | siliċur | |
| sulphate | solfato | sulfat | |
| sulphide | solfuro | sulfur | |
| sulphite | solfito | sulfit | |

## *Tabella Nru 2: Affissi li jidhru ta' spiss*

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| -amide | -ammid | m doppja billi ġej mill-ammonju |
| -amine | -ammina | m doppja billi ġej mill-ammonju. Eċċezzjoni: histamine = istamina |
| -amino- | -ammino- | |
| -ane | -an | |
| -ase | -ażi | |
| -ate | -at | |
| -azole- | -ażol- | |
| benz- | -benż- | |
| bi- | bi- | |
| bis- | bis- | |
| but- | but- | |
| cyclo- | ċiklo- | |
| di- | di- | |
| -ene | -en | |
| eth- | et- | |
| hepta- | etta- | |
| hexa- | eża- | |
| hyd- | id- | |
| -hydrate | -idrat | |
| hydroxy- | idrossi- | |
| -ide | -ur | Għajr 'oxide' li ssir 'ossidu' (tieħu preċedenza oxy- / oxi- = ossi- ) |
| -ine | -ina | |

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| iso- | iso- | Dan hu prefiss użat dejjem l-istess fuq skala internazzjonali, li jfisser 'l-istess', u huwa ppreferut li jibqa' jintuża b'dan il-mod fil-Malti wkoll. |
| lact- | latt- | |
| meth- | met- | |
| octa- | otta- | |
| -oic | -ojku | |
| -ol | -ol | |
| -one | -on | eż. keton (eċċezzjoni li daħlet sew fil-Malti - aċetun) |
| -ose | -ożju | |
| -ox- | -oss- | derivat minn "ossiġenu" |
| -oyl | -ojl | |
| pent- | pent- | |
| poly- | poli- | |
| prop- | prop- | |
| thio- | tijo- | |
| -thiol | -tijol | |
| -thrin | -trina | |
| tri- | tri- | |
| -yl | -il | |
| -yne | -in | |

Kif intqal qabel, l-affissi mqegħdin f'ordni u f'pożizzjoni speċifika fl-isem jiddeterminaw il-kompożizzjoni molekulari tas-sustanza.

## *Tabella Nru 3: L-elementi**

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| actinium | attinju | |
| aluminium | aluminju | |
| americium | ameriċju | |
| antimony | antimonju | |
| argon | argon | |
| arsenic | arseniku | |
| astatine | astat | |
| barium | barju | |
| berkelium | berkelju | |
| beryllium | berillju | |
| bismuth | bismut | |
| bohrium | bohrju | imsemmi għax-xjenzjat Nils Bohr |
| boron | boron | |
| bromine | bromu | (IT: bromo; mudell: kloru) |
| cadmium | kadmju | |

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| caesium | ċesju | |
| calcium | kalċju | |
| californium | kalifornju | |
| carbon | karbonju | |
| cerium | ċerju | |
| chlorine | kloru | |
| chromium | kromu | |
| cobalt | kobalt | |
| copper | ram | |
| curium | kurju | |
| darmstadtium | darmstadtju | |
| dubnium | dubnju | |
| dysprosium | disprożju | |
| einsteinium | einsteinju | |
| erbium | erbju | |
| europium | ewropju | |

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| fermium | fermju | |
| fluorine | fluworu | |
| francium | franċju | |
| gadolinium | gadolinju | |
| gallium | gallju | |
| germanium | ġermanju | |
| gold | deheb | |
| hafnium | afnju | |
| hassium | hassju | hija prassi internazzjonali li jibda bl-h |
| helium | elju | |
| holmium | olmju | |
| hydrogen | idroġenu | |
| indium | indju | |
| iodine | jodju | |
| iridium | iridju | |
| iron | ħadid | |
| krypton | kripton | |
| lanthanum | lantanju | |
| lawrencium | lawrenzju | |
| lead | ċomb | |
| lithium | litju | |
| lutetium | lutezju | |
| magnesium | manjeżju | |
| manganese | manganiż | |
| meitnerium | meitnerju | imsemmi għax-xjenzjat Meitner |
| mendelevium | mendelevju | |
| mercury | merkurju | |
| molybdenum | molibdenu | |
| neodymium | neodimju | |
| neon | neon | |
| neptunium | nettunju | |
| nickel | nikil | |
| niobium | nijobju | |
| nitrogen | nitroġenu | |
| nobelium | nobelju | |
| osmium | ożmju | |
| oxygen | ossiġenu | isegwi l-mudell ta' idroġenu u nitroġenu; f'taħdit mhux tekniku 'ossiġnu' |
| palladium | palladju | |
| phosphorus | fosforu | għalkemm f'taħdit mhux tekniku 'fosfru' tajba wkoll |
| platinum | platinu | |
| plutonium | plutonju | |
| polonium | polonju | |

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| potassium | potassju | |
| praseodymium | praseodimju | |
| promethium | promezju | |
| protactinium | protattinju | |
| radium | radju | |
| radon | radon | |
| rhenium | renju | |
| rhodium | rodju | |
| roentgenium | roentgenju | |
| rubidium | rubidju | |
| ruthenium | rutenju | |
| rutherfordium | rutherfordju | |
| samarium | samarju | |
| scandium | skandju | |
| seaborgium | seaborgju | |
| selenium | selenju | |
| silicon | siliċju | |
| silver | fidda | |
| sodium | sodju | |
| strontium | stronzju | |
| sulphur | kubrit | |
| tantalum | tantalju | |
| technetium | teknezju | |
| tellurium | tellurju | |
| terbium | terbju | |
| thallium | tallju | |
| thorium | torju | |
| thulium | tulju | |
| tin | landa | |
| titanium | titanju | |
| tungsten | tungstenu | |
| ununbium | ununbju | |
| ununhexium | ununeżju | |
| ununoctium | ununottju | |
| ununpentium | ununpentju | |
| ununquadium | ununkwadju | |
| ununtrium | ununtriju | |
| uranium | uranju | |
| vanadium | vanadju | |
| xenon | ksenon | |
| ytterbium | itterbju | |
| yttrium | ittriju | |
| zinc | żingu | |
| zirconium | żirkonju | |

* L-isem ta' element f'ċerti każijiet jinbidel meta jinħarġu derivati minnu, pereżempju l-komposti mill-**kubrit** jinkludu s-sulfat u s-sulfur, melħ mill-**ħadid** huwa ferriku jew ferruż.

## *Eżempji fil-prattika*

Għas-sustanzi inorganiċi, ġeneralment l-isem joħroġ mit-tabelli 1 u 3 ta' hawn fuq: eż. sodium chloride = klorur tas-sodju. Għas-sustanzi organiċi, l-isem spiss ikun aktar komplikat, u jinħareġ billi jinqasam fil-komponenti tiegħu, ibbażat fuq il-mudell bit-Taljan.

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| 2-(2*H*-Benzotriazol-2-yl)-4,6-bis(1-methyl-1-phenylethyl)phenol | 2-(2*H*-Benzotriazol-2-il)-4,6-bis(1-metil-1-feniletil)fenolo | 2-(2*H*-Benżotriażol-2-il)-4,6-bis(1-metil-1-feniletil)fenol |

Isem tal-biża' b'soluzzjoni sempliċi għall-aħħar. Il-partijiet komponenti huma: *Benżo - tri -ażol (tri + ażol, allura ma tidħolx j) -il (suffiss) - bis (tibqa' l-istess) - metil - fenil - etil - fenol*

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| 6,7-Dihydro-5*H*-cyclopenta[*b*]pyridine | 6,7-Diidro-5*H*-ciclopenta[*b*]piridina | 6,7-Diidro-5*H*-ċiklopenta[*b*]piridina |

*di-idro-5H-ċiklo-penta-[b]-pirid-ina, prattikament copy/paste mit-Taljan b'żewġ irtokki ortografiċi*

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| Methyl 3-aminothiophene-2-carboxylate | 3-amminotiofen-2-carbossilato di metile | 3-amminotijofen-2-karbossilat tal-metil |

Hawnhekk nosservaw inverżjoni tipika tas-sekwenza tal-kliem mill-Ingliż (l-eżempju klassiku: carbon dioxide - diossido di carbonio - diossidu tal-karbonju). Din hija raġuni importanti oħra għaliex fid-dubju wieħed jaqbillu jikkonsulta l-verżjoni bit-Taljan (jew anki bil-Franċiż).

## *Nota dwar l-użu tal-ittra 'j' wara l-vokali 'i'*

Jista' jinqala' dubju dwar jekk għandhiex tiddaħħal l-ittra 'j' bejn il-vokali 'i' u vokali oħra li tiġi warajha. Din il-problema tissolva billi jiġi stabbilit jekk iż-żewġ vokali jiffurmawx parti mill-istess entità jew le.

Allura: **thio**- issir **tijo**- ; (eżempju f'kuntest differenti) **bio**- issir **bijo**-

Imma: **dioxide = di + oxide: diossidu**; **triazol = tri + azol: triażol**

Fid-dubju, kemm fuq din il-biċċa xogħol u anki b'mod ġenerali għas-sustanzi kimiċi l-oħrajn kollha, wieħed ikollu jagħmel xi ftit tar-riċerka biex jivverifika, nagħmlu mod, li "thio" hija entità kimika waħda. L-internet fih minjiera vasta ta' informazzjoni u tiftixa sempliċi tagħtik it-tagħrif kollu li jkollok bżonn, bi grafika tal-kompożizzjoni tal-atomi b'kollox, kif ukoll (eż. fil-Wikipedia) l-ismijiet tal-istess sustanzi b'lingwi differenti inklużi dawk li jinteressawna l-aktar: it-Taljan u l-Franċiż.

## *Indiċi globali f'ordni alfabetiku EN-MT*

| EN | MT |
|---|---|
| acetylene | aċetilen |
| acid | aċidu |
| actinium | attinju |
| aldehyde | aldeid |
| aluminium | aluminju |
| americium | ameriċju |
| -amide | -ammid |
| -amine | -ammina |
| -amino- | -ammino- |
| amino acid | amminoaċidu jew aċidu amminiku |
| ammonium | ammonju |
| -ane | -an |
| antimony | antimonju |
| argon | argon |
| arsenic | arseniku |
| -ase | -ażi |
| astatine | astat |
| -ate | -at |
| -azole- | -ażol- |

| EN | MT |
|---|---|
| ferrous | ferruż |
| fluorine | fluworu |
| francium | franċju |
| gadolinium | gadolinju |
| gallium | gallju |
| germanium | ġermanju |
| ferric | ferriku |
| gold | deheb |
| hafnium | afnju |
| halide | aloġenur |
| halogen | aloġenu |
| hassium | hassju |
| helium | elju |
| hepta- | etta- |
| hexa- | eża- |
| holmium | olmju |
| hyd- | id- |
| -hydrate | -idrat |
| hydrocarbon | idrokarbur |

| EN | MT |
|---|---|
| pent- | pent- |
| peroxide | perossidu |
| phosphorus | fosforu |
| platinum | platinu |
| plutonium | plutonju |
| polonium | polonju |
| palladium | palladju |
| poly- | poli- |
| polymer | polimeru |
| potassium | potassju |
| praseodymium | praseodimju |
| promethium | promezju |
| prop- | prop- |
| protactinium | protattinju |
| radium | radju |
| radon | radon |
| rhenium | renju |
| rhodium | rodju |
| roentgenium | roentgenju |

| EN | MT |
|---|---|
| barium | barju |
| benz- | -benż- |
| benzene | benżen |
| berkelium | berkelju |
| beryllium | berillju |
| bi- | bi- |
| bicarbonate | bikarbonat |
| bis- | bis- |
| bismuth | bismut |
| bisulphate | bisulfat |
| bohrium | bohrju |
| boron | boron |
| bromate | bromat |
| bromide | bromur |
| bromine | bromu |
| but- | but- |
| cadmium | kadmju |
| caesium | ċesju |
| calcium | kalċju |
| californium | kalifornju |
| carbide | karbur |
| carbon | karbonju |
| carbonate | karbonat |
| carboxylic | karbossiliku |
| cerium | ċerju |
| chloride | klorur |
| chlorine | kloru |
| chlorite | klorit |
| chromate | kromat |
| chromium | kromu |
| cobalt | kobalt |
| copper | ram |
| curium | kurju |
| cyanide | ċjanur |
| cyclo- | ċiklo- |
| darmstadtium | darmstadtju |
| di- | di- |
| dioxide | diossidu |
| dubnium | dubnju |
| dysprosium | disprożju |
| einsteinium | einsteinju |
| -ene | -en |
| erbium | erbju |
| eth- | et- |
| ether | -etere |
| europium | ewropju |
| fermium | fermju |

| EN | MT |
|---|---|
| hydrochloric | kloridriku jew idrokloriku |
| hydrogen | idroġenu |
| hydroxide | idrossidu |
| hydroxy- | idrossi- |
| -ide | -ur |
| indium | indju |
| -ine | -ina |
| iodate | jodat |
| iodide | jodur |
| iodine | jodju |
| iridium | iridju |
| iron | ħadid |
| iso- | iso- |
| krypton | kripton |
| lact- | latt- |
| lanthanum | lantanju |
| lawrencium | lawrenzju |
| lead | ċomb |
| lithium | litju |
| lutetium | lutezju |
| magnesium | manjeżju |
| manganese | manganiż |
| meitnerium | meitnerju |
| mendelevium | mendelevju |
| mercury | merkurju |
| meth- | met- |
| molybdenum | molibdenu |
| neodymium | neodimju |
| neon | neon |
| neptunium | nettunju |
| nickel | nikil |
| niobium | nijobju |
| nitrate | nitrat |
| nitride | nitrur |
| nitrite | nitrit |
| nitrogen | nitroġenu |
| nobelium | nobelju |
| octa- | otta- |
| -oic | -ojku |
| -ol | -ol |
| -one | -on |
| -ose | -ożju |
| osmium | ożmju |
| -ox- | -oss- |
| oxide | ossidu |
| oxygen | ossiġenu |
| -oyl | -ojl |

| EN | MT |
|---|---|
| rubidium | rubidju |
| ruthenium | rutenju |
| rutherfordium | rutherfordju |
| samarium | samarju |
| scandium | skandju |
| seaborgium | seaborgju |
| selenium | selenju |
| silicide | siliċur |
| silicon | siliċju |
| silver | fidda |
| sodium | sodju |
| strontium | stronzju |
| sulphate | sulfat |
| sulphide | sulfur |
| sulphite | sulfit |
| sulphur | kubrit |
| tantalum | tantalju |
| technetium | teknezju |
| tellurium | tellurju |
| terbium | terbju |
| thallium | tallju |
| thio- | tijo- |
| -thiol | -tijol |
| thorium | torju |
| -thrin | -trina |
| thulium | tulju |
| tin | landa |
| titanium | titanju |
| tri- | tri- |
| tungsten | tungstenu |
| ununbium | ununbju |
| ununhexium | ununeżju |
| ununoctium | ununottju |
| ununpentium | ununpentju |
| ununquadium | ununkwadju |
| ununtrium | ununtriju |
| uranium | uranju |
| vanadium | vanadju |
| xenon | ksenon |
| -yl | -il |
| -yne | -in |
| ytterbium | itterbju |
| yttrium | ittriju |
| zinc | żingu |
| zirconium | żirkonju |
| | |
| | |